MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2006

Avviz Numru. 13/2000/1

Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta

vs

Gozo Cottage Industries Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-Korporazzjoni attrici li talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' erba' mija u tmenin lira maltija (Lm480) rapprezentanti kumpens dovut lill-imsemmija socjeta' in kwantu ghall-okkupazzjoni tal-fond Hut 13, Ta' Dbiegi Crafts Village, Gozo, liema somma tinkludi fiha l-perjodu sal-14 ta' Mejju 2000.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni u bl-imghax legali skond il-ligi.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:

Illi l-kumpanija attrici trid qabel xejn tispecifika u tesebixxi t-titolu in forza tieghu qeghdha tagixxi;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-verbal taghha tal-21 ta’ April 2006.
Ikkonsidrat:

Illi l-iskrittura folio 19 et seq tattesta ghal-lokazzjoni li saret bejn il-partijiet li bdiet fis-sehh fil-15 ta’ Mejju 1994 fir-rigward il-proprjeta’ markata bl-ahmar fuq il-pjanta ‘no. GLI’ korrispondenti ghal ‘Hut 13’ f’ Ta’ Dbiegi Crafts Village, gewwa Ghawdex. Rigward din il-lokazzjoni jirrizulta li saret u giet accettata versu l-korrispettiv ta’ kera ta’ sitta u disghin lira Maltin (Lm96 ) kull sitt xhur.

Illi l-Korporazzjoni attrici qeghdha tazzjona ghall-ammont ta’ Lm480 li hija tispecifika li hija dovuta bhala “kumpens dovut mill-imsemmija socjeta’ in kwantu ghall-okkupazzjoni tal-fond… liema somma tinkludi fiha l-perjodu sal-14 ta’ Mejju 2000”.

Illi mill-atti tal-kawza ma jirrizultax jekk l-lokazzjoni ghadhiex veljanti jew jekk gietx itterminata. Nonostante, pero’, jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta qatt ma kkontestat l-ammont pretiz mill-Korporazzjoni attrici, la fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha, u lanqas b’xi prova fil-kors tal-proceduri, tant illi fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet sostniet biss fuq il-prova tat-titolu li in forza tieghu l-Korporazzjoni attrici

kienet qeghdha tagixxi.  Din il-prova tirrizulta li giet sodisfacentement provduta.

Ghaldaqstant, it-talba tal-Korporazzjoni attrici ghandha, kif qeghdha, tigi milqugha u s-socjeta’ konvenuta qeghed tigi ikkundannata thallasha l-ammont ta’ erba’ mija u tmenin lira Maltin (Lm480) bl-imghax dekorribbli mid-data ta’ l-Avviz.  Spejjez ghas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------